



2024/1601

31.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1601

tat-30 ta' Mejju 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tat-trasportatur tal-ajru li jopera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.
- (2) Ċerti Stati Membri u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") għaddew lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti għall-aġġornament ta' dik il-lista, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali wkoll ipprovdew informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta.
- (3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi ta' deċizzjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li jkun inkluż fil-lista stabbilita fl-Annessi A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jissottomettu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE").
- (5) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-konsultazzjonijiet li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/660 ⁽³⁾, mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-Eġittu, tal-Każakistan, tal-Kenja, tal-Pakistan, ta' São Tomé u Príncipe, u ta' Sierra Leone. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Armenja, fil-Kongo (Brazzaville), fl-Iraq, fil-Kirgistan, fil-Libja, fil-Mali, fin-Nepal, u fis-Suriname.

⁽¹⁾ ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/2111/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/474/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/660 tat-2 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi regoli dettaljati għal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet ta' operar fl-Unjoni msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 473/2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2023, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/660/oj).

- (6) L-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa għall-evalwazzjoni inizjali u l-monitoraġġ kontinwu tal-awtorizzazzjonijiet minn operaturi ta' pajjiżi terzi ("TCO"), maħruġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 ⁽⁴⁾.
- (7) L-Aġenzija infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fil-kuntest tal-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA"), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ⁽⁵⁾.
- (8) Barra minn hekk, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li saru fil-pajjiżi terzi milqutin minn projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 474/2006. Barra minn hekk, l-Aġenzija pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal iktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u teknika potenzjali tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fil-pajjiżi terzi, bl-għan li dawn jiġu megħjuna jiżguraw il-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili applikabbli. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal tali talbiet fuq bażi bilaterali, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni saħqet mill-ġdid fuq is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità internazzjonali tal-avjazzjoni, partikolarment permezz tal-għodda ta' Sħubija tal-Assistenza għall-Implimentazzjoni tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO"), dwar l-assistenza teknika lil pajjiżi terzi pprovduta mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni mad-dinja kollha.
- (9) Il-Eurocontrol iprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'aġġornament dwar l-istatus tal-funzjonijiet ta' allarm tas-SAFA u tat-TCO, inkluż l-istatistika dwar il-messaġġi ta' allert għat-trasportaturi tal-ajru pprojbiti. L-Eurocontrol ipprova wkoll informazzjoni dwar id-diġitalizzazzjoni sħiħa ppjanata fuq il-pjattaforma l-ġdida tal-Eurocontrol "iNM" u l-implimentazzjoni ta' Elenki ġodda tas-Sikurezza tal-Ajru tal-KE.

Trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni

- (10) Wara l-analiżi mill-Aġenzija tal-informazzjoni li ħarġet mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq l-inġenji tal-ajru tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni, kif ukoll mill-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-Aġenzija, u kkomplementata bl-informazzjoni li rriżultat minn spezzjonijiet u awditi speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, ħadu ċerti miżuri korrettivi u ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar dawk il-miżuri.
- (11) L-Istati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, saħqu mill-ġdid li lesti jaġixxu kif meħtieġ f'każ li informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tkun tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma' standards tas-sikurezza rilevanti.

Trasportaturi tal-ajru mill-Eġittu

- (12) Qatt ma ġew inklużi trasportaturi tal-ajru ċertifikati fl-Eġittu fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (13) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fis-17 ta' April 2024 il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u r-rappreżentanti mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Eġizzjana ("ECAA") kellhom laqgħa teknika.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/452/oj>).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/965/oj>).

- (14) Matul il-laqgħa, ir-rappreżentanti tal-ECAA ġew infurmati dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tad-dokumenti li kienu ġew ipprovduti preċedentement lill-Kummissjoni fuq talba tagħha. Intbagħtu dettalji dwar it-tħassib imqajjem mir-rieżami tal-informazzjoni sottomessa, partikolarment fir-rigward tan-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' Programm tas-Sikurezza tal-Istat/Pjan Nazzjonali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, in-nuqqas ta' numri verifikabbli f'termini ta' spetturi tal-Operazzjonijiet ta' Titjir attivi biex jissorveljaw is-16-il detentur taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru Eġizzjan ("AOC"), u l-kwistjonijiet li l-ECAA qed tiffaċċja biex tippromwovi kultura robusta tas-sikurezza fost it-trasportaturi tal-ajru taħt is-sorveljanza tas-sikurezza tagħha. F'dan il-kuntest, ġie nnutat ukoll li ma kien hemm l-ebda rekord ta' taħriġ disponibbli biex tiġi vverifikata l-valuta tat-taħriġ tal-ispetturi.
- (15) In-nuqqasijiet addizzjonali identifikati fir-rieżami jikkonċernaw in-nuqqas ta' gwida, kemm fil-livell tat-trasportaturi tal-ajru kif ukoll fl-ECAA, fir-rigward tal-istabbiliment ta' Programm ta' Analiżi tad-Data tat-Titjiriet.
- (16) L-ECAA infurmat lill-parteċipanti fil-laqgħa dwar l-istat attwali tal-industrija tal-avjazzjoni Eġizzjana, u l-miżuri għat-titjib tas-sikurezza ppromulgati u pplanati biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fis-sorveljanza tas-sikurezza u fl-organizzazzjoni. Ġie nnutat li l-ECAA għandha l-appoġġ sħiħ tal-gvern Eġizzjan biex issegwi dawn l-inizjattivi għat-titjib tas-sikurezza.
- (17) Fir-rigward speċifiku tal-kapaċità tal-persunal u l-kapaċitajiet tal-ECAA biex tiġi żgurata sorveljanza effettiva tas-sikurezza tal-industrija tal-avjazzjoni tal-Eġittu, l-ECAA enfasizzat l-isforzi li qed isiru biex jiġu reklutati u miżmuma esperti u persunal kwalifikati permezz ta' sistema ġdida ta' ppemjar finanzjarju.
- (18) Minn perspettiva organizzattiva u regolatorja, l-ECAA indikat li qed isir rieżami komprensiv tal-qafas leġislattiv u regolatorju tagħha, filwaqt li nħolqu Direttorati ġodda għas-Sikurezza, il-Konformità, il-Valutazzjoni tar-Riskju, il-Ġestjoni tal-Bidla, u l-Ġbir u l-Ipproċessar tad-Data dwar is-Sikurezza. B'mod komplementari għal dan, l-ECAA enfasizzat l-inizjattiva tagħha li tintroduċi sorveljanza bbażata fuq ir-riskju.
- (19) Filwaqt li ġie rikonoxxut li l-ECAA bħalissa hija involuta fi proċess komprensiv ta' ristrutturar, madankollu jidher li l-enfasi attwali tal-ECAA hija prinċipalment fuq l-indirizzar ta' nuqqasijiet viżibbli u ovvjii mingħajr analiżi robusta biżżejjed tal-kawżi ewlenin. Huma meħtieġa aktar sforzi fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru Eġizzjani u kultura mtejba tas-sikurezza, kif ukoll l-implimentazzjoni xierqa ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi.
- (20) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-ECAA biex ittejjeb il-livell ta' sorveljanza tas-sikurezza fl-Eġittu. Madankollu, il-Kummissjoni indikat li biħsiebha żżomm il-proċess ta' konsultazzjoni miftuħ. Il-kuntatti regolari u r-rapporti ta' progress huma antiċipati bħala parti minn din l-attività ta' monitoraġġ kontinwu, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' laqgħat tekniċi futuri. Il-Kummissjoni se tikkoordina mill-qrib mal-Aġenzija filwaqt li tqis l-għadd sinifikanti ta' trasportaturi tal-ajru Eġizzjani li għandhom awtorizzazzjoni ta' TCO.
- (21) Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll il-ħtieġa għall-appoġġ kontinwu tal-gvern, kif ukoll l-importanza li tiġi żgurata l-istabbiltà tat-tmexxija fi ħdan l-awtorità bħala pedament għal CAA li tiffunzjona tajjeb.
- (22) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal probizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Eġittu.
- (23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Eġittu mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (24) Meta kwalunkwe informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan

- (25) F'Diċembru 2016, it-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Każakistan tneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 ⁽⁶⁾, bl-eċċezzjoni ta' *Air Astana*, li kienet diġà tneħħiet mill-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 fl-2015, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 ⁽⁷⁾.
- (26) Bħala segwitu għad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE f'Novembru 2023, l-esperti mill-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-Istati Membri wettqu żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fil-Każakistan bejn il-5 u d-9 ta' Frar 2024 għand il-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Każakistan ("CAC KZ") u għand l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni ta' Kazakhstan Joint Stock Company ("AAK"), li kienet tinkludi l-kampjunar ta' tliet trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Każakistan, jiġifieri *Berkut*, *Fly Jet.KZ*, u *Prime Aviation*.
- (27) Iż-żjara ta' valutazzjoni ffukat l-attivitajiet tagħha fuq l-AAK, fid-dawl tar-rwol u r-responsabbiltà tagħha għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Każakistan. Miż-żjara ta' valutazzjoni, jidher b'mod ċar li l-AAK għamlet titjib importanti fl-aġġornament tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-avjazzjoni, inkluża l-liġi primarja dwar l-avjazzjoni u l-emendi sussegwenti tagħha, u fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tagħha. Dawn il-bidliet leġiżlattivi ffukaw fuq it-titjib tal-użu tal-ispazju tal-ajru, iċ-ċertifikazzjoni ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord, it-titjib fil-proċeduri kontra l-formazzjoni tas-silġ u ta' tneħħija tas-silġ u l-introduzzjoni tal-obbligu ta' rapportar mandatorju u volontarju tal-okkorrenzi. L-iżviluppi ewlenin li jirfdu dawn l-elementi tekniċi kienu l-għoti ta' setgħat awtorevoli addizzjonali lid-Direttur Ġenerali tal-AAK u lill-isperturi tagħha, kif ukoll il-modernizzazzjoni tal-istruttura finanzjarja tal-AAK.
- (28) L-azzjonijiet tal-AAK biex tindirizza l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Liċenzjar tal-Persunal li jirriżultaw miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni ta' Ottubru 2021 wasslu għall-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi effettivi. Madankollu, ġew identifikati oqsma li jeħtieġu titjib addizzjonali, partikolarment fir-rigward tas-sistema ta' eżami teoretiku għall-bdoti u s-supervizzjoni tal-eżaminaturi tat-titjiriet.
- (29) Fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru ("OPS"), l-AAK ipprovdiet evidenza verifikabbli tal-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati. Madankollu, l-oqsma li jeħtieġu aktar enfasi jinkludu l-monitoraġġ tal-konformità matul il-proċessi ta' ċertifikazzjoni u l-għoti ta' approvazzjonijiet speċjali. Konsegwentement, jenħtieġ li l-AAK tintensifika l-isforzi tagħha u tħaffef it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-isperturi tagħha. Barra minn hekk, huwa essenzjali li tingħata prijorità lit-titjib tas-sistemi interni tagħha ta' kwalità u konformità biex l-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tat-Titjir jiġu allinjati mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.
- (30) Ġie ddeterminat progress sostanzjali fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà, bid-determinazzjoni li attwalment qed tiġi żgurata sorveljanza effettiva tas-sikurezza. Aktar titjib fir-rigward tar-rekords ta' sorveljanza se jikkontribwixxi għal rekord aktar dettaljat u trasparenti tal-ispezzjonijiet imwettqa.
- (31) Il-valutazzjoni mwettqa għand *Fly Jet.kz* iddeterminat li l-kumpanija tal-ajru żżomm Sistema tal-Ġestjoni tas-Sikurezza operazzjonali ("SMS") u Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità ("QMS"), appoġġati minn dokumentazzjoni dettaljata, li tirrifletti impenn ċar lejn l-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Madankollu, huma meħtieġa sforzi biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar is-sejbiet tal-awditjar mhux solvuti fi ħdan il-QMS u dwar in-nuqqas ta' skedi ta' żmien ċari għar-riżoluzzjoni. Huwa importanti li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati minnufih biex jissaħħu aktar il-protokoll tas-sikurezza u l-effettività ġenerali tal-linja tal-ajru.
- (32) Il-livelli adegwati ta' persunal u l-forniment ta' riżorsi fid-dipartiment tal-manutenzjoni u tal-ajrunavigabbiltà ta' *Fly Jet.kz* jippermettu l-manutenzjoni konsistenti tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru. Id-dokumentazzjoni f'lokha, inklużi r-rekords tal-persunal, l-inventarju komprensiv tal-ispere parts, u l-logs tal-manutenzjoni miżmuma b'mod diliġenti, ġie osservat li kienu aċċessibbli faċilment u ġestiti b'mod xieraq.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 tat-8 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni (ĠU L 334, 9.12.2016, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/2214/oj).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 tal-10 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 67, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2322/oj).

- (33) Minkejja l-aspetti msemmija hawn fuq, ġew identifikati ċerti inkonsistenzi fi ħdan id-dipartiment tal-operazzjonijiet tat-titjir ta' *Fly Jet.kz*, li jeħtieġu eżami aktar mill-qrib tal-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ u tal-prattiki tal-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol, kif ukoll diskrepanzi fil-kwalifiki tal-ekwipaġġ u fil-kalkoli tat-tagħbija tal-inġenji tal-ajru.
- (34) L-implimentazzjoni effettiva tal-SMS ta' *Prime Aviation* kienet evidenti partikolarment permezz tad-dokumentazzjoni dettaljata u ġestita tajjeb, kif ukoll il-politika tal-kumpanija li tinkoraġġixxi l-involvement tal-persunal fir-rappurtar tal-okkorrenzi. Għalkemm diġà funzjonali, hemm lok għal titjib fl-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju. Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Konformità, filwaqt li hija effettiva, tista' tkompli ttejjeb l-impatt tagħha billi tallinja l-iskedi ta' żmien tal-implimentazzjoni mal-istandards regolatorji.
- (35) L-impenn ta' *Prime Aviation* għall-kwalità huwa evidenti fil-qafas strutturat tiegħu ta' taħriġ tal-persunal u fid-dipartiment tal-ajrunavigabbiltà mgħammar b'biżżejjed persunal, li jiżgura ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru. Minkejja l-vantaġġ ta' għodod effiċjenti tas-software, ikun meħtieġ xi titjib fil-protokoll ta' kwalifiki tal-bdoti, u fil-proċeduri ta' approvazzjoni tal-Ispazju tal-Ajru ta' Livell Għoli tal-Atlantiku tat-Tramuntana.
- (36) L-SMS u l-QMS ta' *Berkut* jissodisfaw l-istandards internazzjonali tas-sikurezza b'mod effettiv. Madankollu, ġew identifikati opportunitajiet għal titjib minuri fiż-żewġ oqsma. Barra minn hekk, il-kumpanija tal-ajru wriet organizzazzjoni tajba u professjonaliżmu fl-imġiba operattiva tagħha, iżda ġie identifikat potenzjal għal aktar titjib, partikolarment fit-titjib tal-kontroll fl-operazzjonijiet tad-dispaċċ, fid-definizzjoni tas-sillabi tat-taħriġ, u fil-validità għal approvazzjonijiet speċjali.
- (37) Id-dipartiment tal-manutenzjoni u tal-ajrunavigabbiltà ta' *Berkut* għandu persunal xieraq, li jiżgura l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru b'dokumentazzjoni komprensiva. Il-faċilità ta' manutenzjoni tipprovdi ambjent ottimali għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni.
- (38) Abbażi tal-eżitu taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni, il-Kummissjoni stiednet lis-CAC KZ u lill-AAK għal seduta ta' smiġh quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE fil-15 ta' Mejju 2024.
- (39) Matul is-seduta ta' smiġh, l-AAK ipprovdiet aġġornamenti lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE rigward ir-riformi u l-progress fis-settur tal-avjazzjoni ċivili mill-2021, li juru l-impenn tagħhom li jtejbu s-sikurezza, l-effiċjenza operazzjonali, u l-kollaborazzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, huma ddeskrivew il-progress fit-tiħiħ tal-istruttura organizzazzjonali u l-mekkaniżmi finanzjarji tal-AAK, inkluża t-tranżizzjoni għal mudell ta' awtofinanzjament effettiv minn Lulju 2023. L-AAK żiedet ukoll il-forza tax-xogħol tagħha, partikolarment fid-dipartimenti operazzjonali, u rfinat il-proċessi interni biex ittejjeb il-kwalità u l-effettività tas-servizzi tagħha.
- (40) L-AAK għamlet passi evidenti fl-indirizzar u r-risoluzzjoni tal-maġġoranza tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li tqajmu matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni ta' Frar 2024. Huma indirizzaw b'suċċess tliet osservazzjonijiet u sitt rakkomandazzjonijiet, li jindikaw titjib fil-konformità regolatorja u fil-istandards operazzjonali. Inkiseb titjib fil-proċeduri tal-awtorizzazzjoni tal-ispetturi, l-approvazzjonijiet tal-Electronic Flight Bag, u l-Operazzjonijiet b'Ħin ta' Devjazzjoni Estiż. L-isforzi li għaddejjin biex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet li jifdal huma strutturati bi skadenzi ċari stabbiliti għat-tlestija sa tmiem l-2024 u l-ewwel kwart tal-2025. Dawn l-attivitajiet jiffurmaw parti minn inizjattiva strateġika usa' biex tissaħħaħ is-sikurezza tal-avjazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.
- (41) Matul is-seduta, l-AAK iddeskriviet ukoll l-azzjonijiet korrettivi li jikkonċernaw it-trasportaturi tal-ajru *Berkut*, *Prime Aviation*, u *Fly Jet.kz*.
- (42) Barra minn hekk, l-AAK iddeskriviet pjanijiet ta' żvilupp futuri għall-2024–2025, b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' kollaborazzjonijiet internazzjonali addizzjonali. Dawn il-pjanijiet jinkludu t-tnejn għal titjiriet diretti lejn l-Istati Uniti, it-tiħiħ tal-infrastruttura diġitali, u t-tkomplija tal-investiment fir-riżorsi umani.
- (43) Filwaqt li rrikonoxxew il-progress li sar minn mindu tnedew il-konsultazzjonijiet formali fl-2020, kif muri mill-evidenza miġbura matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni tal-2024, u mid-dettalji pprovduti matul is-seduta ta' smiġh, id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE kkonkludew li jenħtieġ li jintemmu l-konsultazzjonijiet formali, filwaqt li l-AAK tiġi mħeġġa tiskambja regolarment dwar żviluppi futuri mal-Kummissjoni, u tiżviluppa modi biex tiżgura l-kontinwazzjoni tat-tmexxija fl-AAK.

- (44) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan.
- (45) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Każakistan mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (46) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Kenja

- (47) Qatt ma ġew inklużi trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Kenja fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (48) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fl-10 ta' April 2024 il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u r-rappreżentanti mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Kenja ("KCAA") kellhom laqgħa teknika.
- (49) Matul il-laqgħa, ir-rappreżentanti tal-KCAA ġew infurmati dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tad-dokumenti li kienu ġew ipprovduti fl-2023 fuq talba tal-Kummissjoni. Intbagħtu dettalji dwar it-tħassib imqajjem mir-rieżami tal-informazzjoni sottomessa, partikolarment fir-rigward ta' għadd insuffiċjenti ta' persunal ta' spezzjoni meta mqabbel mal-volum u d-diversità tal-industrija srorveljata. Barra minn hekk, ġew identifikati sfidi fl-effettività tal-ippjanar u l-eżekuzzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza, speċjalment fir-rigward tal-operazzjonijiet 'il barra mill-baży u l-awditjar tagħhom.
- (50) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet identifikati jikkonċernaw in-nuqqas ta' proċess ta' kwalità interna ddokumentat u implimentat bis-sħiħ, għadd baxx ta' awditi miksuba fil-qasam tal-Operazzjonijiet tat-Titjir, u t-tweqqig ta' għadd żgħir biss ta' awditi *ad hoc*.
- (51) Matul dik il-laqgħa, il-KCAA pprovdiet informazzjoni ġenerali dwar is-settur tal-avjazzjoni fil-Kenja, il-persunal disponibbli għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza, u l-mod kif jitwettqu tali attivitajiet. Ġew diskussi wkoll id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom ċerti trasportaturi tal-ajru li joperaw barra mill-pajjiż, u n-nuqqasijiet fis-sikurezza assoċjati. Il-KCAA infurmat lill-Kummissjoni dwar il-pjan immedjat tagħha għal rieżami sħiħ tal-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili tal-Kenja biex ittejjeb il-kapaċità ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-Awtorità u tallinja d-dispożizzjonijiet tagħha mal-ħtiġijiet legali emerġenti. B'mod partikolari, il-KCAA infurmat dwar l-azzjonijiet li għaddejjin fir-rigward tal-emendi għar-regolamenti tas-sikurezza, li kienu jinkludu l-livell ta' implimentazzjoni tal-Programm tal-Istat għas-Sikurezza tagħha.
- (52) F'termini ta' persunal, il-KCAA indikat li l-attrazzjoni u ż-żamma ta' persunal ikkwalfikat u mħarreġ kif xieraq kienu ta' sfida. Ġie nnutat li qed isiru sforzi biex jittejjeb l-kundizzjonijiet tal-impjeg bil-ħsieb li jiġi reklutat u miżmum tali persunal, partikolarment l-ispetturi kwalifikati tas-sorveljanza tas-sikurezza.
- (53) Fir-rigward tal-inċidenti/aċċidenti mill-2022 li jinvolvu trasportaturi tal-ajru ċertifikati tal-Kenja li joperaw barra mill-Kenja, il-KCAA kkomunikat li s-sorveljanza tas-sikurezza u l-attivitajiet ta' infurzar ġew instigati bil-ħsieb li tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti bħal dawn.
- (54) Il-Kummissjoni indikat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE li, bi qbil mal-KCAA, biħsiebha żżomm il-proċess ta' konsultazzjoni miftuħ. Il-kuntatti regolari u r-rapporti ta' progress huma antiċipati bħala parti minn din l-attività ta' monitoraġġ kontinwu, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' laqgħat tekniċi futuri.
- (55) Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll il-ħtieġa għall-appoġġ kontinwu tal-gvern, kif ukoll l-importanza li tiġi żgurata l-istabbiltà tat-tmexxija fi ħdan l-awtorità bħala pedament biex l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tiffunzjona tajjeb.
- (56) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Kenja.

- (57) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Kenja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (58) Meta kwalunkwe informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Pakistan

- (59) F'Marzu 2007, il-Pakistan *International Airlines* ġie inkluż fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 ⁽⁸⁾ u sussegwentement tneħħa minn dak l-Anness f'Novembru 2007 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 ⁽⁹⁾.
- (60) Bħala segwitu għad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ta' Novembru 2023, l-esperti mill-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-Istati Membri wettqu żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fil-Pakistan bejn is-27 u t-30 ta' Novembru 2023 għand l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Pakistan ("PCAA"), li kienet tinkludi l-kampjunar ta' żewġ trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan, jiġifieri *Fly Jinnah* u *Airblue Ltd*.
- (61) Iż-żjara ta' valutazzjoni ffukat l-attivitajiet tagħha fuq il-PCAA fid-dawl tar-rwol u r-responsabbiltà tagħha fil-kuntest ta' sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan.
- (62) Instab li l-PCAA għandha politika stabbilita biex taderixxi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u l-persunal tagħha jikkonsisti minn persuni b'ħiliet tekniċi u professjonisti. Madankollu, ġew osservati nuqqasijiet komuni fl-organizzazzjoni kollha, bħall-enfasi fuq in-nuqqasijiet ta' konformità, u n-nuqqas ta' verifiki interni. Fir-rigward tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-PCAA, ġie osservat nuqqas notevoli fil-profondità ta' skrutinju, b'mod partikolari fir-rigward tal-għeluq tas-sejbiet abbażi tal-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva proposti minflok l-evidenza attwali pprovduta, jew nuqqas ta' valutazzjoni xierqa tal-azzjonijiet korrettivi proposti.
- (63) Iż-żjara żvelat devjazzjonijiet mill-proċeduri tal-PCAA, kif muri mill-fatt li xi AOCs ingħataw b'sejbiet miftuħa jew ġew ikklassifikati ħażin, jew mill-fatt li xi pjaniet ta' sorveljanza tas-sikurezza ma twettqux skont kif ipplanat.
- (64) Kien evidenti wkoll li fiż-żmien taż-żjara d-Direttorat tal-Istandards tat-Titjir kellu nuqqas kbir ta' persunal f'termini ta' persunal ikkwalifikat biżżejjed biex iwettaq il-kompiti kollha taċ-ċertifikazzjoni u tas-sorveljanza tas-sikurezza. Din is-sitwazzjoni hija aggravata mill-assenjar ta' kompiti li mhux neċessarjament jaqgħu taħt il-mandat tal-Istandards tat-Titjir.
- (65) L-implimentazzjoni tal-SMS tinsab fl-istadji bikrija u teħtieġ titjib, u jidher ċar li l-identifikazzjoni tal-kawżi ewlenin u l-analiżi tagħhom huwa qasam li jeħtieġ li jiġi implimentat kif xieraq.
- (66) Ma ġie identifikat l-ebda tħassib partikolari fid-Direttorat tal-Ajrunavigabbiltà, u fid-Direttorat tal-Organizzazzjonijiet għall-Fruġ tal-Liċenzji/tat-Taħriġ tal-Persunal, u t-tnejn li huma nstabu li kellhom persunal xieraq.
- (67) Ma ġiet identifikata l-ebda problema sinifikanti fit-trasportaturi tal-ajru li saritilhom żjara, għalkemm għal *Fly Jinnah*, ġie nnutat li ż-żamma tar-rekords tat-trasportatur tal-ajru, u l-ġestjoni tas-sejbiet, jenħtieġ li jkun s-suġġett ta' miżuri ta' titjib iddedikati.
- (68) Abbażi tal-eżitu taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni, il-Kummissjoni stiednet lill-PCAA u lil *Fly Jinnah* għal seduta ta' smiġħ quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE fl-14 ta' Mejju 2024.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 tal-5 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jstabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 66, 6.3.2007, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2007/235/oj>).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jstabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 311, 29.11.2007, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1400/oj>).

- (69) Fis-seduta, il-PCAA, abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva ("CAP") ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2024, indirizzat kull osservazzjoni deskritta fir-rapport taż-żjara tal-UE, filwaqt li nnotat l-analiżi tal-kawżi ewlenin li tinfed il-miżuri korrettivi kollha meħuda jew ippjanati fuq perjodu qasir, medju u twil. Ġie nnutat partikolarment l-isforz li sar mill-PCAA biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati tal-kapaċità u l-abbiltà tagħha ta' sorveljanza tas-sikurezza, partikolarment f'termini tal-iżgurar ta' struttura organizzattiva xierqa, l-allokazzjoni tal-kompiti, ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' persunal kwalifikat, għadd proporzjonat ta' spetturi kwalifikati, u f'termini ta' programm ta' taħriġ xieraq. Partikolarment fir-rigward tad-Direttorat tal-Istandards tat-Titjir, huma indikaw li żiedu l-għadd ta' spetturi kwalifikati minn 1 għal 19, li jikkorrispondu għall-għadd meħtieġ għall-allokazzjoni riveduta tal-kompiti u l-attivitajiet assoċjati ta' sorveljanza tas-sikurezza.
- (70) Barra minn hekk, il-PCAA indikat l-isforzi li saru biex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-kwalità identifikati matul iż-żjara. Il-miżuri korrettivi ppreżentaw l-istabbiliment ta' taqsima tal-Kontroll tal-Kwalità f'kull dipartiment, u dipartiment ċentrali u indipendenti tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-PCAA kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-PCAA spjegat l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-qafas regolatorju u proċedurali tagħha, b'mod partikolari f'termini ta' attivitajiet immirati biex jadattaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar l-avjazzjoni għal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-Istandards tat-Titjir u l-Liċenzjar tal-Persunal, kif diġà kien il-każ fl-Ajrunavigabbiltà.
- (71) Fir-rigward speċifiku tal-SMS tal-organizzazzjoni, il-PCAA nnotat li l-isforzi u l-iżvilupp kontinwu, għalkemm bil-mod, qed javvanzaw, peress li kemm ir-regolatur kif ukoll l-entitajiet regolati jifhmu l-importanza ta' tranżizzjoni gradwali minn approċċ ta' sorveljanza tas-sikurezza bbażat fuq il-konformità għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju.
- (72) Waqt is-seduta, it-trasportatur tal-ajru *Fly Jinnah* ippreżenta ħarsa ġenerali tal-flotta u tar-rotot attwali tiegħu, u tar-riżorsi u l-faċilitajiet disponibbli. Dan ddeskriva sett ta' għodod tas-software għall-ġestjoni tal-biċċa l-kbira tal-funzjonijiet ewlenin, bħall-ippjanar u t-tgħarrif tat-titjiriet, il-Monitoraġġ tad-Data tat-Titjir ("FDM"), ir-roster tal-ekwipaġġ, l-ippjanar tal-awditjar tal-QMS, u l-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa. It-trasportatur tal-ajru ppreżenta l-funzjonijiet esternalizzati bħat-taħriġ tal-ekwipaġġ, l-analiżi tal-FDM, l-ippjanar u l-manutenzjoni tal-ekwipaġġ, il-biċċa l-kbira minnhom esternalizzati lill-kumpanija *Air Arabia*. Ġew innutati partikolarment il-proposti ppreżentati biex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet relatati mad-difetti identifikati fil-QMS tagħha.
- (73) Abbażi tad-deliberazzjonijiet tiegħu, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE kkonkluda li jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ kontinwu tas-sitwazzjoni tas-sikurezza u tal-iżviluppi fil-Pakistan, permezz tal-organizzazzjoni regolari ta' laqgħat tekniċi fi Brussell qabel kull Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE, u tar-rappurtar regolari dwar il-progress mill-PCAA. Barra minn hekk, huwa żamm il-possibbiltà, skont il-bżonn, li jstieden lill-PCAA għal seduti ta' smigħ addizzjonali f'laqgħat futuri tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE.
- (74) Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll il-ħtieġa għall-appoġġ kontinwu tal-gvern, kif ukoll l-importanza li tiġi żgurata l-istabbiltà tat-tmexxija fi ħdan l-awtorità bħala pedament għal PCAA li tiffunzjona tajjeb.
- (75) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan.
- (76) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (77) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru minn São Tomé u Príncipe

- (78) F'Novembru 2009, trasportaturi tal-ajru ċertifikati f'São Tomé u Príncipe ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1144/2009 ⁽¹⁰⁾.
- (79) Bl-ittra tad-19 ta' Diċembru 2023, bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu, il-Kummissjoni għet infurmata mill-*Instituto Nacional de Aviação Civil de São Tomé et Príncipe*, li t-trasportatur tal-ajru *Africa's Connection* ma għadux iċċertifikat f'São Tomé u Príncipe.
- (80) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru minn São Tomé u Príncipe, il-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex *Africa's Connection* jitneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (81) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċertifikati f'São Tomé u Príncipe mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru minn Sierra Leone

- (82) Trasportaturi tal-ajru minn Sierra Leone ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (83) Wara r-risultati tal-awditu tal-Programm Universali ta' Verifika tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("USOAP") tal-ICAO tal-2006 u abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mill-ICAO, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili ta' Sierra Leone ("SLCAA") bdiet proċess biex tneħħi r-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru u tirrevoka l-AOCs maħruġa lit-trasportaturi tal-ajru minn Sierra Leone. L-SLCAA infurmat lill-Kummissjoni dwar it-tlestija ta' dan il-proċess f'Mejju 2020.
- (84) Fil-31 ta' Jannar 2024, fuq talba tal-Kummissjoni, l-SLCAA pprovdiet aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-avjazzjoni ċivili fi Sierra Leone, inklużi dettalji dwar it-titjib li sar mill-SLCAA lejn il-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u l-ambizzjonijiet li jerġgħu jinbdew l-attivitajiet fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru u tal-inġenji tal-ajru.
- (85) Minħabba n-nuqqas ta' inġenji tal-ajru fir-reġistru nazzjonali ta' Sierra Leone u n-nuqqas ta' trasportaturi tal-ajru ċertifikati mill-SLCAA, fil-25 ta' April 2024 saret laqgħa biex jiġu diskussi l-pjanijiet tal-SLCAA, eventwalment bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-iżviluppi futuri tal-avjazzjoni ċivili fi Sierra Leone. Din il-laqgħa involviet rappreżentanti mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija, mill-Istati Membri, mill-SLCAA, u mill-Parlament ta' Sierra Leone.
- (86) Matul il-laqgħa, l-SLCAA kkondividiet ir-risultati taż-żjara tal-USOAP tal-ICAO tal-2023, iddeskriviet pjanijiet biex tkompli ttejjeb il-kapaċitajiet taġħha ta' ċertifikazzjoni u ta' sorveljanza tas-sikurezza, u pprovdiet informazzjoni dwar l-iffirmar f'Marzu 2024 tal-Memorandum ta' Qbil mal-Italja bl-għan li tiġi stabbilita kooperazzjoni teknika bejn Sierra Leone u l-Italja. L-SLCAA kkonfermat ukoll li nġhatat mandat uffiċjali biex tipproċedi biċ-ċertifikazzjoni ta' trasportaturi tal-ajru ġodda, kif ukoll bir-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru.
- (87) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi tal-SLCAA biex tikkonforma mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u nnotat l-appoġġ kontinwu mill-Gvern ta' Sierra Leone. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll l-impenn tal-SLCAA li tkompli tiżviluppa, bl-appoġġ mogħti mill-Italja, il-kapaċitajiet meħtieġa biex tirreġistra l-inġenji tal-ajru, tiċċertifika t-trasportaturi tal-ajru, u tissorvelja l-attivitajiet tal-kumpaniji tal-ajru li se tiċċertifika, f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.
- (88) L-aħħar informazzjoni tindika li, f'dan iż-żmien, l-SLCAA ma setgħetx turi l-kapaċitajiet meħtieġa biex tirreġistra l-inġenji tal-ajru, tiċċertifika t-trasportaturi tal-ajru, u tissorvelja l-ajrunavigabbiltà u l-operazzjonijiet tat-trasportaturi tal-ajru, skont l-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Konsegwentement, il-Kummissjoni se tkompli l-konsultazzjonijiet mal-SLCAA u timmonitorja azzjonijiet ulterjuri meħuda mill-SLCAA biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet. Se tingħata aktar konsiderazzjoni, kif xieraq, għat-tweġġiq eventwali ta' żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1144/2009 tas-26 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 312, 27.11.2009, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1144/oj>).

- (89) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fi Sierra Leone.
- (90) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fi Sierra Leone mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' daww it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (91) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (92) Minħabba l-implikazzjonijiet tas-sikurezza, l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jagħrfu l-bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet malajr u, meta jkun xieraq, b'urġenza. Għaldaqstant, huwa essenzjali li, sabiex jiġu mħarsa l-informazzjoni sensittiva kif ukoll il-pubbliku li jivvjaġġa, kull deċiżjoni fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni tapplika minnufih wara l-adozzjoni tagħha.
- (93) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Anness A huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness B huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

“ANNEX A

LISTA TA' TRASPORTATORI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET ⁽¹⁾

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ('AOC') jew tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
AIR ZIMBABWE (PVT)	177/04	AZW	Iż-Żimbabwe
AVIOR AIRLINES	ROI-RNR-011	ROI	Il-Venezwela
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	Is-Surinam
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	L-Iran
FLY BAGHDAD	007	FBA	L-Iraq
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	L-Iraq
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			L-Afganistan
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	L-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	L-Afganistan
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħliet TAAG Angola Airlines u Heli Malongo, inkluż			L-Angola
AEROJET	AO-008/11-07/17 TEJ	TEJ	L-Angola
GUICANGO	AO-009/11-06/17 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
AIR JET	AO-006/11-08/18 MBC	MBC	L-Angola
BESTFLYA AIRCRAFT MANAGEMENT	AO-015/15-06/17YYY	Mhux magħruf	L-Angola
HELIANG	AO 007/11-08/18 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SJL	AO-014/13-08/18YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SONAIR	AO-002/11-08/17 SOR	SOR	L-Angola
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Armenja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			L-Armenja
AIR DILIJANS	AM AOC 065	NGT	L-Armenja
ARMENIAN AIRLINES	AM AOC 076	AAG	L-Armenja

⁽¹⁾ It-trasportaturi tal-ajru elenkati f'dan l-Anness jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dment li jitħarsu l-istandards tas-sikurezza rilevanti.

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ('AOC') jew tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
ARMENIA AIRWAYS	AM AOC 063	AMW	L-Armenja
ARMENIAN HELICOPTERS	AM AOC 067	KAV	L-Armenja
FLY ARNA	AM AOC 075	ACY	L-Armenja
FLYONE ARMENIA	AM AOC 074	FIE	L-Armenja
NOVAIR	AM AOC 071	NAI	L-Armenja
SHIRAK AVIA	AM AOC 072	SHS	L-Armenja
SKYBALL	AM AOC 073	Mhux disponibbli	L-Armenja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kongo (Brazzaville) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			Il-Kongo (Brazzaville)
CANADIAN AIRWAYS CONGO	CG-CTA 006	TWC	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAFLIGHT SERVICES	CG-CTA 002	EKA	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	Il-Kongo (Brazzaville)
TRANS AIR CONGO	CG-CTA 001	TSG	Il-Kongo (Brazzaville)
SOCIETE NOUVELLE AIR CONGO	CG-CTA 004	Mhux magħruf	Il-Kongo (Brazzaville)
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AB BUSINESS	AAC/DG/OPS-09/14	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR FAST CONGO	AAC/DG/OPS-09/03	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KASAI	AAC/DG/OPS-09/11	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KATANGA	AAC/DG/OPS-09/08	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BUSY BEE CONGO	AAC/DG/OPS-09/04	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	AAC/DG/OPS-09/02	DBP	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ('AOC') jew tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
CONGO AIRWAYS	AAC/DG/OPS-09/01	COG	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
GOMA EXPRESS	AAC/DG/OPS-09/13	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KIN AVIA	AAC/DG/OPS-09/10	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MALU AVIATION	AAC/DG/OPS-09/05	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVE AIR CARGO	AAC/DG/OPS-09/07	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SWALA AVIATION	AAC/DG/OPS-09/06	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
TRACEP CONGO AVIATION	AAC/DG/OPS-09/15	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			Il-Djibouti
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	Il-Djibouti
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			Il-Guinea Ekwatorjali
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS	CEL	Il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			L-Eritrea
ERITREAN AIRLINES	AOC Nru 004	ERT	L-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC Nru 005	NAS	L-Eritrea
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kirgistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			Il-Kirgistan
AERO NOMAD AIRLINES	57	ANK	Il-Kirgistan
AEROSTAN	08	BSC	Il-Kirgistan

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ('AOC') jew tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
AIR COMPANY AIR KG	50	KGC	Il-Kirgistan
AIRCOMPANY MOALEM AVIATION	56	AMA	Il-Kirgistan
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	Il-Kirgistan
CENTRAL ASIAN AVIATION SERVICES	58	KAS	Il-Kirgistan
FLYSKY AIRLINES	53	FSQ	Il-Kirgistan
GLOBAL 8 AIRLINES	59	Mhux magħruf	Il-Kirgistan
HELI SKY	47	HAC	Il-Kirgistan
KAP.KG AIRCOMPANY	52	KGS	Il-Kirgistan
MAC.KG AIRLINES	61	MSK	Il-Kirgistan
SAPSAN AIRLINE	54	KGB	Il-Kirgistan
SKY JET	60	SJL	Il-Kirgistan
SKY KG AIRLINES	41	KGK	Il-Kirgistan
TRANS CARAVAN KG	55	TCK	Il-Kirgistan
TEZ JET	46	TEZ	Il-Kirgistan
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja			Il-Liberja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			Il-Libja
AFRIQYAH AIRWAYS	007/01	AAW	Il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	Il-Libja
AL MAHA AVIATION	030/18	Mhux magħruf	Il-Libja
BERNIQ AIRWAYS	032/21	BNL	Il-Libja
BURAQ AIR	002/01	BRQ	Il-Libja
GLOBAL AIR TRANSPORT	008/05	GAK	Il-Libja
HALA AIRLINES	033/21	HTP	Il-Libja
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	Il-Libja
LIBYAN WINGS AIRLINES	029/15	LWA	Il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	Il-Libja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			In-Nepal
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	In-Nepal

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ('AOC') jew tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
ALTITUDE AIR	085/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	In-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	In-Nepal
SUMMIT AIR	064/2010	Mhux magħruf	In-Nepal
HELI EVEREST	086/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	HIM	In-Nepal
KAILASH HELICOPTER SERVICES	087/2018	Mhux magħruf	In-Nepal
MAKALU AIR	057A/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
MANANG AIR PVT	082/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
PRABHU HELICOPTERS	081/2013	Mhux magħruf	In-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	In-Nepal
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	In-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	In-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
YETI AIRLINES	037/2004	NYT	In-Nepal
It-trasportaturi tal-ajru kollha li għejjin iċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tar-Russja			Ir-Russja
AURORA AIRLINES	486	SHU	Ir-Russja
AVIACOMPANY "AVIASTAR-TU" CO. LTD	458	TUP	Ir-Russja
IZHAVIA	479	IZA	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "AIR COMPANY "YAKUTIA"	464	SYL	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "RUSJET"	498	RSJ	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "UVT AERO"	567	UVT	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SIBERIA AIRLINES	31	SBI	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SMARTA-VIA AIRLINES	466	AUL	Ir-Russja

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ('AOC') jew tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
JOINT-STOCK COMPANY "IRAERO" AIRLINES	480	IAE	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY "URAL AIRLINES"	18	SVR	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY ALROSA AIR COMPANY	230	DRU	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY NORDSTAR AIRLINES	452	TYA	Ir-Russja
JS AVIATION COMPANY "RUSLINE"	225	RLU	Ir-Russja
JSC YAMAL AIRLINES	142	LLM	Ir-Russja
LLC "NORD WIND"	516	NWS	Ir-Russja
LLC "AIRCOMPANY IKAR"	36	KAR	Ir-Russja
LTD. I FLY	533	RSY	Ir-Russja
POBEDA AIRLINES LIMITED LIABILITY COMPANY	562	PBD	Ir-Russja
PUBLIC JOINT STOCK COMPANY "AEROFLOT - RUSSIAN AIRLINES"	1	AFL	Ir-Russja
ROSSIYA AIRLINES, JOINT STOCK COMPANY	2	SDM	Ir-Russja
SKOL AIRLINE LLC	228	CDV	Ir-Russja
UTAIR AVIATION, JOINT-STOCK COMPANY	6	UTA	Ir-Russja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			São Tomé u Príncipe
STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	São Tomé u Príncipe
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja			Sierra Leone
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			Is-Sudan
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	Is-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	Is-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	Is-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	Is-Sudan

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ('AOC') jew tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
GREEN FLAG AVIATION	17	GNF	Is-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	Is-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	Is-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	Is-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	Is-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	Is-Sudan
SUN AIR	51	SNR	Is-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	Is-Sudan"

ANNEX II

"ANNEX B

LISTA TAT-TRASPORTATURI TAL-AJRU LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI
FL-UNJONI ⁽¹⁾

Isem l-entità legali tat-transportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC")	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur	Tip ta' inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Marka/i tar-reġistrazzjoni u, meta jkun(u) disponibbli, in-numru/i tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Stat ta' reġistrazzjoni
IRAN AIR	IR.AOC.100	IRA	L-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif imsemmi fl-AOC; l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif imsemmi fl-AOC	L-Iran
AIR KORYO	GAC-AOC/KOR-01	KOR	Il-Korea ta' Fuq	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': żewġ inġenji tal-ajru tat-tip TU-204.	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': P-632, P-633.	Il-Korea ta' Fuq

⁽¹⁾ It-transportaturi tal-ajru elenkati f'dan l-Anness jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dment li jitħarsu l-istandards tas-sikurezza rilevanti.